MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2008

Rikors Numru. 21/2005/3

**Joseph Emanuel u Carmen konjugi Ruggier**

**Vs**

**Jospeh Oliver Ruggier f'ismu proprju u ghal S.O.C. & K. Limited; u l-Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

## Preliminari

Illi dana r-rikors gie rimess quddiem dina l-Qorti kif presjeduta wara decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tas-27 ta' Lulju 2007 li laqghet in parte z-zewg appelli ta' l-appellanti u filwaqt li rrevokat u hassret is-sentenza appellata tal-10 ta' Lulju, 2006, ordna li l-atti jintbaghtu lura lill-dina Qorti sabiex tiddisponi mill-kawza fit-termini

ta’ dik is-sentenza u skond il-ligi, u tqieghed lill-kontendenti kollha fil-pozizzjoni li kienu fiha fiz-zmien minnufih qabel inghatat is-sentenza appellata.

Il-Qorti appuntat il-kawza ghas-smigh u l-partijiet qablu li r-rikors jista’ jibqa’ ghas-sentenza billi huma kienu diga pprezentaw noti ta’ sottomissjonijiet dwar il-punt li dina l-Qorti ghandha tiddeciedi.

**Sentenza Prim Awla**

Fis-sentenza tal-10 ta’ Lulju 2006 dina l-Qorti, diversament presjeduta, kienet iddecidiet li l-kwistjoni jekk in-notifika saritx jew le kien se jkollha konsegwenzi determinanti ghal din il-kawza, ghax fuqha jiddependi jkunx inkiser il-jedd ghal smigh xieraq jew le. Fid-decizjoni taghha l-Qorti qalet li l-kwistjoni jekk ir-rikorrenti kienux gew notifikati jew le fil-kawza (sentenza tal-14.11.1994 AJM) ghandha tigi determinata f’kawza ordinarja u mhux f’rikors kostituzzjonali imma billi r-rimedju ‘ordinarju’ ta’ ritrattazzjoni ma hux possibbli minhabba l-artikolu 818(2) Kap 12 (kif deciz b’sentenza ohra) ipprovvdiet li, billi l-Qorti ghandha s-setgha li “taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq ta’ kull wahda mid-disposizzjonijiet” li jharsu d-drittijiet fondamentali, u billi ghall-harsien u t-twettiq tal-jedd tar-rikorrenti ghal smigh xieraq huwa mehtieg illi r-rikorrenti jkollhom opportunità li juru illi ma kinux notifikati bil-proceduri li kienu saru u nqatghu kontriehom, ipprovdiet billi regghet poggiet lill-partijiet fil-pozizzjoni li kienu fiha qabel ma r-rikorrenti ipprezentaw ic-citazzjoni fl-ismijiet Joseph Emanuel Ruggier *et versus* Joseph Oliver Ruggier *proprio et nomine* (citazzjoni numru 1007/2001), ukoll fil-pozizzjoni li kienu fiha meta kienu ghaddew biss erba’ snin u ghaxar xhur wara s-sentenza ta’ l-14 ta’ Novembru 1994, biex hekk ir-rikorrenti jkollhom xahrejn ohra biex jergghu jressqu talba gudizzjarja taht l-art. 811(*b*) tal- Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura civili ghas-smigh mill-gdid

tal-kawza maqtugha bis-sentenza ta’ l-14 ta’ Novembru 1994.

**Appell**

Il-Qorti Kostituzzjonali ma qablitx ma dina d-decizjoni u ddecidiet li fil-fehma taghha la darba rrizulta li r-rikorrenti kienu ezawrew ir-rimedju tar-ritrattazzjoni, ma kien hemm xejn xi jzomm lill-ewwel Qorti li tistabilixxi hija stess jekk l-att tac-citazzjoni in kwistjoni kenitx giet notifikata debitament lill-parti telliefa u jekk din kenitx giet notifikata bis-smigh tal-kawza – fatti dawn li jkollhom konsegwenzi determinanti ghall-ezitu tal-kawza odjerna u li setghu facilment jigu accertati u stabbiliti mill-atti ta’ l-istess kawza odjerna.

Ghalhekk dina l-Qorti kif ippresjeduta giet mitluba tistabilixxi jekk l-att tac-citazzjoni in kwistjoni (Citazzjoni Nru 947/1994) kenitx giet notifikata debitament lill-parti telliefa u jekk din kinitx giet notifikata bis-smigh tal-kawza.

**TALBIET**

B’dawn il-proceduri r-rikorrenti qeghdin jitolbu rimedju kostituzzjonali u konvenzjonali ghax qed jghidu illi, fi proceduri gudizzjarji li wasslu ghal sentenza ta’ zgumbrament moghtija kontra taghhom, huma ma nghatawx smigh xieraq minn tribunal imparzjali u indipendenti, bi ksur tal-jedd fondamentali taghhom imhares taht l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u taht l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta; qeghdin jghidu wkoll illi nkiser il-jedd taghhom ghat-tgawdija tal-proprjetà taghhom, imhares taht l-art. 1 ta’ l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u l-art. 37 tal-Kostituzzjoni.

**FATTI**

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma riportati b’mod car fis-entenza appellata.

Fil-qosor ir-rikkorrenti qed jallegaw, li gie xolt il-kuntratt ta' cens perpetwu, bil-konsegwenti "telf" ta' proprjeta' taghhom, fi proceduri gudizzjarji li saru minghajr ma' huma kienu gew debitament notifikati bl-atti u bl-avviz tas-smigh tal-kawza. Huma kienu ghamlu l-procedura ta' ritrattazzjoni, izda t-talba giet michuda billi s-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 818 tal-Kap. 16 kien jimpedixxi tassattivament li ssir ritrattazzjoni wara li jghaddu hames snin minn meta tkun inghatat l-ewwel sentenza. Wara li ezawrew dan ir-rimedju tar-ritrattazzjoni ir-rikorrenti konjugi Ruggier fethu l-proceduri kostituzzjonali prezenti.

**KONTESTAZZJONI**

Ir-rikorrenti jissottomettu li l-kawza Citaz Nru: 749/94 ma kienitx giet notifikata lilu kif trid il-ligi billi mir-riferti stess jirrizulta biss li kien intbaght avviz ta' smigh lir-rikorrent Joseph Emanuel Ruggier. Mir-riferta' ma jistax jigi verifikat fejn kienet intbghatet l-ittra u min kien effettivament irceviha. Inoltre jirrizulta li Carmen Ruggier qatt ma giet notifikata; hadd mir-rikorrenti ma gie notifikat bic-citazzjoni; u li ghalkemm hemm riferta' li saret notifika lir-rikorrent Joseph Emanuel Ruggier bl-avviz tas-smigh, il-formola tal-posta ma hiex annessa ma' l-atti. Ir-rikorrenti jsostnu li notifika trid tkun wahda certa u espressa u li fejn ikun hemm dubbju l-Qrati ghandhom jezaminaw b'mod approfondit jekk il-parti tkunx giet effettivament notifikata jew le.

L-intimati Joseph Oliver Ruggier isostni li minkejja li jirrizulta car li r-rikorrenti gie notifikat b'zewg ittri ufficjali u b'avviz tas-smigh tal-kawza, hu baqa' jsostni li huwa qatt ma rceva dawn in-notifiki. Jistaqsi l-intimat, jekk kienx minhabba l-problemi li r-rikorrent xehed li kellu f'dak il-perjodu, li hu njora kemm l-ittri ufficjali kif ukoll n-notifika ta' l-avviz tas-smigh tal-kawza. Jissottometti wkoll li r-rikorrent ma rnexxilux jeghleb l-presunzjoni li tezisti b'riferta' posittiva. Ghalhekk ir-rikorrent ma setghax jinjora ordni biex jidher il-Qorti imbghad jghid li ma nghatax smigh xieraq. Dwar l-allegazzjoni li kien hemm vjolazzjoni

tad-dritt ghall-proprjeta’ l-intimat jghid li l-arikolu 37 mhux applikabbli billi ma hemmx tehid ta’ proprjeta sfurzuz imma biss bhala rizultat ta’ obbligi naxxenti minn kuntratt jew minhabba ksur ta’ ligi jew minhabba ordni tal-Qorti.

L-intimat Avukat Generali wiegeb ukoll li r-rikorrent ma rnexxilux jeghleb il-presunzjoni li tezisti minhabba r-riferta’ posittiva dwar l-avviz tas-smigh tal-kawza u ma gabx l-ahjar prova.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Fl-att tac-citazzjoni numru 749/1994 hemm riferta’ tal-purtier bid-data 22 ta’ Lulju 1994 mnejn jidher li Joseph Emanuel Ruggier kien gie notifikat bl-avviz tas-smigh fis-16 ta’ Lulju 1994, qabel sew is-smigh tal-kawza li sar fl-14 ta’ Novembru 1994. Ma hemmx referta’ dwar in-notifika tac-citazzjoni u l-atti relattivi (barra l-avviz tas-smigh lill Joseph Emanuel Ruggier) tar-rikorrenti konjugi Ruggier.

Kif diga qalet dina l-Qorti (diversament presjeduta) fis-sentenza preliminari taghha tat-12 ta’ Dicembru 2005 in-nuqqas ta’ notifika lill Carmen Ruggier personalment, fic-cirkostanzi tal-kaz, ma jfissirx illi din ma kinitx taf bil-kawza. Dak iz-zmien il-ligi ma kinitx titlob in-notifika taz-zewg membri ta’ koppja mizzewga. Fir-rigward tan-notifika tac-citazzjoni lir-rikorrent Joseph Emanuel Ruggier, il-Qorti kienet qalet li ghalkemm jista’ jkun illi ma’ l-avviz tas-smigh ir-rikorrent ma kienx notifikat ukoll bl-inkartament shih, madankollu l-avviz tas-smigh xorta seta’ serva biex iwissi lir-rikorrent li kien hemm xi proceduri ghaddejjin li jinteressaw lilu, u kien imissu ghamel dak li kien mehtieg, u mhux jaghzel li ma jaghmel xejn.

Ir-rikorrent pero’ qed jissottometti li, minkejja dak li tghid ir-referta’ tat 22 ta’ Lulju 1994, hu ma kien gie notifikat b’xejn, lanqas bl-avviz tas-smigh.

Kif inhu risaput u kif diga qalet dina l-Qorti fis-sentenza preliminari imsemmija ir-referta’ tohloq prezunzjoni qawwija illi tassew saret notifika, u min, minkejja r-riferta’,

jichad li kien notifikat ghandu oneru qawwi ta’ prova x’jeghleb. Ir-rikorrent qed jallega li huwa ma giex notifikat, allura jispetta lilu li jipprova dak li qed jallega.

Ir-riferta’ hija dikjarazzjoni maghmula mill-ufficjal inkarigat biex tissodisfa lill-Qorti dwar il-verifika tal-fatt illi l-att ikun gie jew ma giex notifikat skond kif l-ufficjal ezekutur ikun dirett u wkoll biex tigi accertata l-identita’ tal-persuna li f’idejha tkun giet fdata l-kopja ta’ l-att li kellu jigi notifikat. (App. Maltacom p.l.c. vs E. Vella deciza fil-5 ta’ Ottubru 2001).

Fil-kaz in ezami mac-citazzjoni 749/94 hemm referta’ tal-putier N. Bezzina li fil-22 ta’ Lulju 1994 jghid u jizgura li fis-16 ta’ Lulju 1994 hu kien innotifika lill Jos. Em. Ruggier bil-posta registrata Nru RB 2282 b’kopja ta’ dak l-att (li kien Avviz ghas-smigh ta’ kawza). Fl-istess faccata tal-process hemm ittimbrat u miktub mill-istess portier li kien innotifika wkoll lill Jos. Oliver Ruggier bl-istess att. Hu veru li l-kontendenti ghandhom l-istess isem (hlief ghat-tieni wiehed) u kunjom izda fir-riferta’ l-putier iddistingwa bejn ir-riferta ta’ Joseph Emmanuel Ruggier u dika ta’ Joseph Oliver Ruggier. Il-Purtier ghamel dina r-referta’ a bazi ta’ l-informazzjoni li huwa kellu mill-*pink card* li hu jkun rceva.

Ir-rikorrent jissottometti li dina l-*pink card* qatt ma giet ezebita ghalhekk ma setghux isiru l-accertamenti li kien hemm bzonn. Jigi notat pero’ li ghalkemm ir-rikorrent kellu l-oneru li jgib l-ahjar prova dwar l-allegazzjoni tieghu, hu fl-ebda stadju tal-proceduri ma harrek bhala xhud lill purtier li ghamel ir-riferta’ jew lil ufficjal inkarigat tal-posta biex jaghti spjegazzjoni dwar id-dokument RB 2282, fejn gie imqassam dak id-dokument u lill min.

Inoltre l-artikolu 188 tal-Kap 12 ma jitlobx *ad validitatem* li mar-riferta’ ikun hemm il-*pink card*. Il-Purtier ghandu l-obbligu li jivverifika dak li hemm fil-*pink card* u mill-verifiki li jaghmel jimla r-riferta’. F’dan il-kaz ma giex pruvat mir-rikorrent li l-purtier ma ghamilx hekk. F’dan il-kaz ir-rikorrent mhux qed jallega li r-riferta’ hija invalida imma li ma hemmx *pink card* pero’ kif gja nghad il-fatt li ma hemmx *pink card* ma jfissirx li r-riferta’ mhiex valida.

Il-Qorti tinnota li mhux bizzejjed li r-rikorrent jichad li huwa rceva d-dokument mill-Qorti izda hu kellu jgib l-ahjar prova biex iwaqqa l-prezunzjoni qawwija li tohloq ir-riferta' li n-notifika saret.

Jigi rilevat finalment li ftit qabel ma kienet giet prezentata l-kawza imsemmija r-rikorrent kien diga gie notifikat b'zewg ittri ufficjali mibghuta mill-intimat datati 29/9/1993 u 7/3/1994 fejn kien intalab l-arretrati tac-cens u jirrizulta li dawn l-ittri ufficjali kienu gew notifikati lir-rikorrent, wahda lilu personalment u l-ohra lill ibnu. Anke dwar in-notifika ta' dawn iz-zewg ittri ufficjali li gew debitament notifikati lilu, ir-rikorrent jibqa' jghid li ma rceva xejn. U safrattant ic-cens baqa' ma thallasx.

**KONKLUZZJONI**

In vista tal-fatt li lill dina l-Qorti jirrizultalha li r-rikorrent Joseph Emanuel Ruggier kien gie notifikat bl-avviz tas-smigh tal-kawza, u ghalhekk kieku ried kellu l-opportunita' li jikkontesta t-talba, (hawn issir referenza ghal kazijiet tal-Qorti Ewropeja dwar id-drittijiet tal-bniedem li ghamel referenza ghalihom ir-rikorrent) hu ma jistax issa jilmenta li ma kienx nghata smigh xieraq minn tribunal imparzjali u indipendenti, bi ksur tal-jedd fondamentali tieghu mhares taht l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u taht l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Dwar in-notifika tac-citazzjoni lill konjugi Ruggier, l-Qorti taghmel taghha l-konkluzzjonijiet ta' l-ewwel Qorti dwar l-istess.

Dwar l-allegazzjoni li kien hemm vjolazzjoni tad-dritt ghall-proprejta' taht l-art. 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni u l-art. 37 tal-Kostituzzjoni, l-Qorti hi tal-fehma li dawn l-artikoli ma japplikawx billi fil-kaz in ezami ma kien hemm ebda tehid sforzuz ta' proprjeta' imma biss tehid bhala rizultat ta' obbligi naxxenti minn kuntratt jew minhabba ksur ta' ligi jew minhabba ordni tal-Qorti.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tichad it-talbiet tar-rikorrenti
Bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------